L-AKKADEMJA TAL-MALTI

---

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**JUM L-ILSIEN MALTI ĊĊELEBRAT FIL-PALAZZ TA' SANT'ANTON FL-OKKAŻJONI TAL-JUM INTERNAZZJONI TAL-LINGWA MATERNA (UNESCO)**

Jum l-Ilsien Malti ġie ċċelebrat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Akkademja tal-Malti u l-għaqdiet uffiċjali tal-Malti nhar il-21 ta' Frar f'serata mużiko-letterarja flimkien mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta li biha kkommemoraw il-Jum Internazzjonali tal-Lingwa Materna (UNESCO).

Ta' kull sena matul is-serata tingħata ħarsa mill-qrib fuq għaqda partikulari u din is-sena miss lill-Poeżijaplus li se terġa' tkun attiva matul ix-xhur u s-snin li ġejjin. Din is-sena ngħatat ħarsa mill-qrib ukoll fuq ħidma li qed issir mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università: dik tat-Tradizzjoni Orali bi preżentazzjoni minn Yanika Schembri Fava.

Il-qari tal-poeżiji għall-okkażjoni sar minn Jesmond Sharples, Miriam Ellul u Rachelle Deguara u nqraw siltiet ta' proża minn Mario Sant u Sephora Francalanza. Tkantaw kanzunetti minn Dorothy Bezzina u Vince Fabri u Prof. Joe Friggieri għamel id-diskors ewlieni "Il-Malti llum".

Il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca għalqet is-serata b'diskors li fih fissret kif "kull darba li l-Uffiċċju tal-President, jorganizza serati mużiko-letterarji bħal kif ġie organizzat ilbieraħ, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Lingwa Materna, dejjem niskopri l-ġmiel tal-lingwa tagħna, u kemm tagħġen ġo fiha l-istorja ta' pajjiżna".

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

24.02.2018